# 29. Il-Għaġeb tal-Bidliet

Kull filgħodu
qabel noħroġ
lill-għasfur fil-gallerija,
oh! x'gost nieħu
noqgħod nimla l-brajma tiegħu
bl-iskalora dehbenija
għaliex naf li sa fl-għaxija,
kull żerriegħa,
kull skalora,
mit-toqbiet tal-bottafora,
toħroġ nota fuqanija,
u tisfira
ġo sensiela kbira kbira
ta' tisfir.
X'għaġeb kbir!
Ġibu l-ilma,
bixxu, saqqu
lix-xitliet tal-iskalora;
kull żerriegħa,
kull skalora,
mit-toqbiet tal-bottafora
ssir taqtira
mill-għadira
ta' tisfir li ma' kull żmien
jhenni, jfarraġ il-ħolqien,
kif kull qatra t'ilma baħar
togħla, togħla sas-smewwiet,
issir fraka sħab leqqien,
ġmiel u lwien,
issir siġar ħadranin,
issir fjuri imlewnin.

Ġibu l-ilma,
ġibu l-ilma,
saqqu, saqqu lix-xitliet!
oh! x'bidliet!
x'għeġubijiet!